**MALTA**

**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 204/11VG**

**Paul Target Limited**

**Vs**

**Joseph Farrugia**

**Illum 20 ta' Gunju 2017**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikorsipprezentat mis-socjetà Paul Target Limited fis-27 ta' Gunju 2011 permezz ta' liema titlob li Joseph Farrugia jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' erbat elef sitt mija u sittin Euro (€4,660) rapprezentanti l-valur ta' *credit note* dovuta lilha u li ma gietx onorata minnu, bl-imghax legali dekoribbli sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjez kontra Joseph Farrugia;

Rat ir-Risposta ta' Joseph Farrugia permezz ta' liema jopponi ghat-talba attrici u jitlob li tigi michuda stante li: (i) hija perenta a tenur ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta; (ii) bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, huwa ma huwiex il-legittimu kontradittur tas-socjetà attrici stante novazzjoni a tenur ta' l-Artikolu 1179 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta; u (iii) hija infondata fil-fatt u fid-dritt;

Semghet ix-xhieda ta' Paul Zammit in rapprezentanza tas-socjetà attrici moghtija waqt is-seduta tal-21 ta' Novembru 2011[1] u rat id-dokument esebit minnu markat Dok. "PZ1" a fol. 10 tal-process, semghet ix-xhieda tal-konvenut moghtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Marzu 2012[2] u rat id-dokumenti markati Dok. "EG1" a fol. 16 sa' 18 tal-process, semghet ix-xhieda ta' George Farrugia in rapprezentanza tas-socjetà Southern Concrete Limited moghtija waqt is-seduta tat-8 ta' Mejju 2012[3] u x-xhieda ta' Carmel Mifsud[4] u Paul Falzon[5], in

[1] Fol. 11 sa' 13 tal-process.
[2] Fol. 19 u 20 tal-process.
[3] Fol. 25 u 26 tal-process.

rapprezentanza tas-socjetà Tlata Limited, moghtija waqt is-seduta ta' l-14 ta' Gunju 2012 u rat id-dokumenti esebiti minn Paul Falzon markati Dok. "PF1" sa' Dok. "PF3" a fol. 28 sa' 31 tal-process;

Semghet it-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni s-socjetà attrici titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' €4,660 rapprezentanti l-valur ta' *credit note* dovuta lilha u li ma gietx onorata mill-konvenut. Il-konvenut da parte tieghu jilqa' ghat-talba attrici bl-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, bl-eccezzjoni li ma huwiex il-legittimu kontradittur taghha stante li sehhet novazzjoni a tenur ta' l-Artikolu 1179 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-eccezzjoni fil-mertu li t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt.

Mill-provi prodotti tul is-smigh tal-proceduri jirrizulta li s-socjetà attrici kienet ghamlet xi xoghol ghal terza persuna liema xoghol però kellu jithallas mill-konvenut. Dan il-hlas ghall-ewwel kellu jigi effettwat permezz ta' *credit note* datata 3 ta' Ottubru 2000[6] mahruga mis-socjetà Tlata Limited a favur il-konvenut ghall-valur ta' Lm2,000, illum ekwivalenti ghal €4,658.74, f'materjal minghand certu George Farrugia, li wara rrizulta li huwa r-rapprezentant tas-socjetà Southern Concrete Limited, liema *credit note* giet iggirata mill-konvenut a favur is-socjetà attrici. Din il-*credit note* però giet in segwitu sostitwita mill-istess konvenut permezz ta' *credit note* mahruga direttament minnu fl-14 ta' Ottubru 2003[7] a favur is-socjetà attrici fis-sens illi l-konvenut awtorizza lis-socjetà Southern Concrete sabiex tipprovdi lis-socjetà attrici bi travi tal-konkos ghall-valur ta' Lm2,000. Is-socjetà Southern Concrete però qatt ma rrikonoxxiet lill-konvenut u/jew lis-socjetà attrici jew lis-socjetà Tlata Limited bhala kreditur taghha u b'hekk irrifjutat li twettaq dak stipulat fil-*credit notes* imsemmija bil-konsegwenza li s-socjetà attrici baqghet ma thallsitx.

Is-socjetà attrici tippretendi l-hlas tas-somma ta' €4,660, ekwivalenti ghal €2,000.53, minghand il-konvenut ghaliex fi kliem ir-rapprezentant taghha Paul Zammit, *il-pagament lili kellu jsir minn Joseph Farrugia li imbaghad seta' jghaddili credit note ta' min ried. Jien mas-Southern Concrete ma kelli l-ebda relazzjoni u fil-fatt qabel m'accettajt dan l-arrangament kont specifikajt li d-dejn kien dovut lili minn Joseph Farrugia u hadd aktar. Fil-fatt meta darba kont mort ghand is-Southern Concrete huma kienu qaluli li lili ma*

---

[4] Fol. 32 sa' 35 tal-process.
[5] Fol. 36 sa' 39 tal-process.
[6] Dok. "EG1" 16 tal-process.
[7] Dok. "PZ1" a fol. 10 tal-process.

*jafunix, fil-fatt stajt nithallas biss tramite l-konvenut. Nerga' ntenni li jien kont accettajt dan l-arrangament ghax Joseph Farrugia kien accertani li kont ser nithallas. … Is-Southern Concrete lili lanqas bdew jemnuni li kelli niehu dak il-pagament, sabiex nasal x'imkien kelli bil-fors niehu lil Joseph Farrugia mieghi. Is-Southern Concrete kellhom jghaddu l-pagament lili tramite Joseph Farrugia kif jidher mid-dikjarazzjoni stess. L-arrangament kien bejni u Joseph Farrugia biss, tant li s-Southern Concrete d-dikjarazzjoni ma iffirmawhiex. Jien kont mort kemm-il darba ghand is-Southern Concrete biex nigbor il-hlas dovut lili. Naqbel li li kieku jien inghatajt il-materjal li hemm deskritt fil-credit note kien jinqata' l-ammont dovut lili minn Joseph Farrugia. Nikkonferma li jien il-hlas minghand Joseph Farrugia kelli niehdu in kind u mhux fi flus. F'dan il-kaz partikolari kont accettajt il-credit note ta' Southern Concrete u nerga' intenni però li setghet kienet credit note ta' min ried. Jien kont qbilt li jidhol terz f'isem Joseph Farrugia u lili jghaddili dawn il-planki bhala pagament. Jien kont mort ghand Ta' Tlata ghar-raguni li f'certu punt Joseph Farrugia kien qalli li l-hlas ma kienx ser isir minghand is-Southern Concrete u kien qalli sabiex immorru ghand Ta' Tlata sabiex jien nithallas minghandu. Hawnhekk rega' ma sar xejn u allura jien fl-ahhar mill-ahhar iddecidejt li ndur kontra Joseph Farrugia*[8].

Il-konvenut da parte tieghu kategorikament jichad li ghandu jhallas lis-socjetà attrici s-somma minnha pretiza u dana essenzjalment ghal zewg ragunijiet li johrogu cari mix-xhieda li ta quddiem il-Qorti waqt is-seduta ta' l-20 ta' Marzu 2012[9]. Fl-imsemmija xhieda l-konvenut iddikjara li *jiena jidhirli li m'ghandix inhallas lis-socjetà attrici ghar-raguni li Paul Zammit baqa' ma giex ghall-hlas u ghaddew kwazi ghaxar snin minn fuq dan in-negozju* u in kontro-ezami iddikjara *nerga' intenni li jiena originarjament ma kellix naghti flus lil Paul Target Limited imma kelli naghti lil Carmel iz-Zozza. Madanakollu peress li kelli nghaddi l-pagament lil dan Carmel u hu minn naha tieghu kellu jhallas lil Paul Target Limited, il-pagament li suppost tajt lil Carmel giet mal-ewwel ghal fuq Paul Target Limited. Southern Construction kienet taf illi minfloki ghall-hlas tal-voucher kien dahal Paul Zammit ghal Paul Target Limited. Nikkonferma li Paul Target Limited jew ahjar ir-rapprezentant taghha kien mar ghand is-Southern Construction biex jithallas tal-voucher. Paul Target Limited kienet taf li kellha tithallas minghand is-Southern u kienet accettat dan l-arrangament. Ghax-xoghol li jien kont ghamilt ghat-Tlata li originarjament kien inhareg il-voucher EG1 ghalih, jiena hlief ghal dak il-voucher bqajt ma thallastx. Id-dokument li gie ghandi li kien l-ewwel voucher li hareg favur tieghi wkoll kien ghadda favur Paul Target Limited però dak ma giex imhallas.*

Fil-fehma tal-Qorti l-ewwel li ghandha tigi trattata hija l-pretensjoni tal-konvenut li huwa ma huwiex debitur tas-socjetà attrici u senjatament li ma

[8] Xhieda moghtija minn Paul Zammit waqt is-seduta tal-21 ta' Novembru 2011, a fol. 11 sa' 13 tal-process.
[9] Fol. 19 u 20 tal-process.

huwiex il-legittimu kontradittur taghha, stante li sehhet novazzjoni a tenur ta' l-Artikolu 1179 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta[10].

Fir-rigward ta' tali eccezzjoni u konsegwenti pretensjoni tal-konvenut issir referenza ghal dak osservat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet **Francis Paris et v. Maltacom p.l.c., Citaz. Nru. 480/02** deciza fis-7 ta' Ottubru 2004, dwar l-istitut tan-novazzjoni. *In-novazzjoni hija mod ta' estinzjoni ta' l-obbligazzjoni liema istitut kien jezisti anke fid-dritt Ruman, u dan l-istitut illum jinsab inkorporat fl-Artikolu 1179 et seq tal-Kodici Civili. Skond l-artikolu 1179(a) hemm novazzjoni "meta d-debitur jaghmel mal-kreditur tieghu dejn gdid, u dan jigi mqieghed flok il-qadim, illi jispicca". L-artikolu 1180(2) jzid li n-novazzjoni "mhix prezunta; l-intenzjoni li ssir ghandha tidher bic-car". L-artikolu 1181 isegwi li "ma hemmx novazzjoni jekk l-obbligazzjoni l-qadima ma tigix maqtula, ghalkemm tigi mbiddla". Ghar-rigward il-htiega ta' l-'animus novandi', l-Istituti ta' Gustinjan kienu jehtiegu li dan il-hsieb jigi manifest espressament. Fil-fatt insibu fl-Istituti (Title XXIX Book III) li: "We have made a constitution which states in the clearest terms that novation is only to take place when the parties have expressly stated that they have made the new agreement with the intention of novating the first" (ara Lee "The Elements of Roman Law" 4$^{th}$ Edit. Pag. 418). Fid-dritt modern però, din l-insistenza fuq intenzjoni espressa ma baqghetx tigi implimentata, u fil-fatt fil-ligi taghna ma nsibux li l-intenzjoni ghan-novazzjoni trid tkun espressa; trid, però, tkun cara. Fil-kawza "Catania v. Degiorgio", deciza minn din il-Qorti fil-21 ta' Frar 1958, jinghad hekk: "Huwa veru li mhux mehtieg li l-'animus novandi' tkun espressa u li tista' tkun anke tacita, però, irid ikun hemm kontradizzjoni assoluta bejn il-fatt tal-partijiet u l-volontà taghhom li jzommu ferma l-obbligazzjoni originarja. Jekk imbaghad il-kunsens tad-debitur mhuwiex bil-fors mehtieg, huwa dejjem indipensabbli l-kunsens tal-kreditur u ta' l-espromittent. ... U fil-kaz li l-elementi kollha ma jirrizultawx b'mod car u univoku, in-novazzjoni m'ghandhiex tigi prezunta.*

Applikati dawn il-principji ghall-fattispecie tal-kaz in ezami l-Qorti ma tistax ghajr tasal ghall-konkluzzjoni li kuntrarjament ghal dak pretiz mill-konvenut, ma sehhet l-ebda novazzjoni b'konsegwenza ta' liema huwa gie ghal kollox illiberat mill-obbligazzjoni tieghu versu s-socjetà attrici.

Ghalkemm huwa minnu li l-konvenut hareg *credit note* a favur is-socjetà attrici biex din tithallas is-somma ta' Lm2,000 permezz ta' materjal ghal tali valur minghand is-socjetà Southern Concrete Limited, u ghalkemm is-socjetà attrici accettat li tithallas b'dan il-mod, is-socjetà Southern Concrete Limited – l-espromittent fix-xenarju impingi mill-konvenut – ma jirrizultax li rrikonoxxiet u accettat tali ftehim. Apparte l-fatt li l-*credit note* mahruga mill-konvenut a favur is-socjetà attrici, li kjarament tirrikedi fuqha stess il-firma u b'hekk il-kunsens u accettazzjoni tas-socjetà Southern Concrete Limited, ma

[10] It-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenut.

gietx iffirmata minn rapprezentant ta' l-imsemmija socjetà, George Farrugia, rapprezentant tas-socjetà Southern Concrete Limited, kjarament jghid illi *d-dokumenti hemm esebiti* [ossia a fol. 10 u 16 tal-process] *m'humiex tas-Southern Concrete Limited. Jiena lill-partijiet kontendenti ma nistax nghid li nafhom, fil-fatt lil Paul Zammit ta' Paul Target Limited lanqas biss nafu, u l-konvenut ilni hafna zmien li kont nafu. Meta l-partijiet kienu gabu dokument tas-Southern Concrete iffirmat minni, kont lest li naghtihulhom. Id-dokumenti li wrewni ma kienux taghna w allura jien ma tajthom xejn. Meta l-konvenut kien igib lil Paul Zammit ghandi halli jiehu l-konkos minghandi, jiena dik qatt ma accettajtha.* In kontro-ezami ddikjara ulterjorment illi *jien naf lil Pawlu Falzon ta' Tlata. Jiena nichad li fis-sena 2000 kelli xi ftehim li lil ta' Tlata kelli naghtihom xi konkos. Lil ta' Tlata qatt ma tajthom konkos. Lil ta' Tlata dejjem ukoll kont nghidlu li jekk igibli letter head minn taghna ffirmata minni kont naghtih, il-bqija ma kont ser naghtih xejn. Jiena zrar minghand ta' Tlata qatt ma hadt. L-unika negozju li konna naghmlu bejn Southern Concrete u ta' Tlata, huwa li konna naghtuhom il-planki. Jien minghand ta' Tlata qatt ma xtrajt xejn, kienu huma li xtraw il-planki tal-konkos*[11].

Fil-fehma tal-Qorti ghalhekk, fil-kaz in ezami l-estremi mehtiega mill-Ligi ghall-fini li jitqies li sehhet novazzjoni ma jissussistux u kif osservat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-imsemmija sentenza "Paris et v. Maltacom": ***jekk imbaghad il-kunsens tad-debitur mhuwiex bil-fors mehtieg, huwa dejjem indipensabbli l-kunsens tal-kreditur u ta' l-espromittent. ... U fil-kaz li l-elementi kollha ma jirrizultawx b'mod car u univoku, in-novazzjoni m'ghandhiex tigi prezunta***[12].

B'hekk it-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenut ma hijiex gustifikata u konsegwentement ma jisthoqqx li tigi milqugha.

Il-konvenut jilqa' ghat-talba attrici b'eccezzjoni ohra ta' natura preliminari u cioè bl-eccezzjoni li l-azzjoni attrici hija preskritta bid-dekors ta' hames snin a tenur ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Mill-atti processwali jirrizulta li l-*credit note* li fuqha s-socjetà attrici tibbaza l-proceduri odjerni inharget fl-14 ta' Ottubru 2003 u l-proceduri odjerni gew istitwiti fis-27 ta' Gunju 2011, ossia iktar minn hames snin wara d-data tal-hrug ta' l-imsemmija *credit note.* Paul Zammit in rapprezentanza tas-socjetà attrici spjega li *l-credit note hi datata 2003, u jien pprezentajt il-proceduri ricentement ghar-raguni li matul is-snin dejjem kont immur ma' Joseph Farrugia ghand min kellu jaghti l-materjal sabiex effettivament nithallas. Fil-verità l-credit note kienet fejn it-terz kellu jipprovdi dan il-materjal li kien debitur ta' Joseph Farrugia u Joseph Farrugia kien se jghaddih lili bi hlas. Konna mmorru ghand Ta' Qali Southern Concrete, però dejjem kien illaqqani*

[11] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-8 ta' Mejju 2012, fol. 25 u 26 tal-process.
[12] Enfasi tal-Qorti.

*ma' nies differenti u qatt ma waslna imkien. Fl-ahhar kont ukoll mort ir-Rabat ghand ta' Tlata, Joseph Farrugia huwa wkoll habib tieghi u dejjem kont immur mieghu biex nara nistax nithallas u hu lili qatt ma qalli li ma kienx ser ihallasni, dejjem kien jghidli li malli dawn in-nies jaccettaw li jhallsu lilu, hu imbaghad jghaddi l-pagament lili*[13]. Il-konvenut da parte tieghu jikkontendi li *jien jidhirli li m'ghandix inhallas lis-socjetà attrici gharraguni li Paul Zammit baqa' ma giex ghall-hlas u ghaddew kwazi ghaxar snin minn fuq dan in-negozju*[14].

Huwa principju assodat in materja ta' preskrizzjoni li fost ic-cirkostanzi mahsuba mill-Ligi li jiksru l-preskrizzjoni hemm: (i) it-talba b'att gudizzjarju; (b) l-gharfien tal-jedd tal-parti li kontra taghha kien ghaddej iz-zmien tal-preskrizzjoni; jew (c) bi hlas akkont[15].

Mill-provi prodotti tul is-smigh tal-proceduri jirrizulta li fil-kaz in ezami t-terminu ta' hames snin previst fl-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta ma giex interott da parte tas-socjetà attrici permezz ta' talba b'att gudizzjarju. Jirrizulta b'mod car li l-azzjoni odjerna hija l-unika azzjoni gudizzjarja li ttiehdet fil-konfront tal-konvenut u din giet istitwita ferm wara d-dekors ta' hames snin mid-data tal-hrug tal-*credit note* mertu tal-proceduri odjerni. Jirrizulta wkoll li ma gie effettwat l-ebda hlas akkont da parte tal-konvenut. Jibqa' ghalhekk li jigi kkunsidrat jekk il-konvenut gharafx il-jedd tas-socjetà attrici waqt id-dekors tal-hames snin, b'hekk illi effettivament ikun interrompa d-dekors tat-terminu previst fil-Ligi, jew inkella wara d-dekors ta' tali terminu ta' hames snin, b'dana li jkun effettivament irrinunzja ghall-preskrizzjoni li tkun ghaddiet.

In kwantu rigwarda r-rikonoxximent tad-dejn ghall-finijiet ta' interruzzjoni jew rinunzja tal-preskrizzjoni huwa principju assodat li *r-rikonoxximent ghall-iskop ta' l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni hi konfigurabbli mill-ko-ezistenza ta' dawn ir-rekwiziti, jigifieri: (a) il-volontarjetà; (b) ix-xjenza tad-debitu fil-konvenut; (c) l-inekwivocità; u (d) l-esternazzjoni tar-rikonoxximent permezz ta' dikjarazzjonijiet u minn kwalunkwe fatt iehor li jimplika ammissjoni, ad exemplum, il-weghda tal-hlas, xi rikjesta biex jinghata dilazzjoni tal-pagament, u l-hlas akkont* – **Joseph Cassar noe v. Sunny Muscat, Appell Civili Nru. 1230/97** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-28 ta' April 2004.

Minn ezami tal-provi prodotti tul is-smigh ta' dawn il-proceduri u b'mod partikolari tax-xhieda tal-konvenut, ma jirrizultax li da parte tieghu kien hemm agir li seta' interrompa t-terminu preskrittiv ta' hames snin tul id-dekors taz-zmien jew li seta' wassal ghal rinunzja tal-preskrizzjoni già dekorsa. Ghalkemm Paul Zammit xehed li kien hemm okkazzjonijiet meta l-konvenut mar mieghu ghand is-socjetà Southern Concrete Limited biex jisthallas,

---

[13] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-21 ta' Novembru 2011, fol. 11 sa' 13 tal-process.
[14] Xhieda moghtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Marzu 2012, fol. 19 u 20 tal-process.
[15] Raymond Grech v. Stefan Borg, Citaz. Nru. 2165/00 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Gunju 2001.

b'dana ghalhekk li il-konvenut kien qed jirrikonoxxi l-jedd tas-socjetà attrici, ma jirrizultax li dan sehh tul il-perijodu ta' hames snin qabel gew istitwiti l-proceduri odjerni jew li dan gara fil-mori tal-proceduri. Il-konvenut, li xehed waqt is-seduta ta' l-20 ta' Marzu 2012, iddikjara li sa' dak iz-zmien kienu ghaddew kwazi ghaxar snin minn fuq in-negozju li kellu mas-socjetà attrici u Carmel Mifsud, li xehed waqt is-seduta ta' l-14 ta' Gunju 2012[16] u li kkonferma li l-konvenut kien imur ghand is-socjetà Southern Concrete Limited biex is-socjetà attrici setghet tithallas, iddikjara li dan kien sehh madwar tmin snin qabel – jigifieri ghall-habta ta' l-2004. Jigi osservat ukoll li ghalkemm il-konvenut in linea generali jirrikonoxxi li kien hemm negozju bejnu u s-socjetà attrici, huwa kategorikament jichad li illum, wara d-dekors ta' zmien apprezzabbli miz-zmien tan-negozju in kwistjoni, ghandu jaghti hlas lis-socjetà attrici.

Fil-fehma tal-Qorti ghalhekk, mill-provi jirrizulta li kif gustament eccepit mill-konvenut l-azzjoni attrici hija preskritta bid-dekors ta' hames snin a tenur ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta. B'hekk l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut hija gustifikata u jisthoqq li tigi milqugha.

Raggunta din il-konkluzzjoni l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjoni fil-mertu sollevata mill-konvenut.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tichad it-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenut;
2. Tilqa' l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut u tiddikjara li t-talba attrici hija preskritta bid-dekors ta' hames snin a tenur ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjoni fil-mertu sollevata mill-konvenut; u
4. Tichad it-talba attrici.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mis-socjetà attrici.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**

---

[16] Fol. 32 sa' 35 tal-process.